MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Numru. 912/2004

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ray D'Anastas)**

**vs**

**Ian Decesare**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Ian De Cesare** ta' 54 sena, bin Maurice Albert u Cettina *nee'* Wismayer, imwieled Sliema, nhar it-22 ta' Settembru, 1950, residenti 155, 'Lynwood', Triq il-Kbira, Zebbug, u detentur tal-karta tal-identita, numru 787950M;

talli fit-3 t'Awissu, 2000 u/jew matul is-snin/xhur precedenti bhala propjetarju, u/jew amministratur tal-fond 'Eden Super Bowl' St. Augustine Street, San Giljan, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnek, ukoll jekk fiz-zminijiet differenti, li jiksru l-istess risoluzzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin bir-risoluzzjoni wahda, kissirt il-gumni tas-servizz elettriku u cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollok l-uzu tal-konsum elettriku jew li bihom stajt twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew markar tal-istess meter tla-kwantita mehuda jew kkonsmata kkommettejt serq ta' kurrent elettriku li jammonta ghal Lm 50, 563.08c, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin jew ammont u dan ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta.

Talli matul l-istess perjodu kkagunajt hsara volontarja fl-istess meter.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tapplika l-piena skond l-ligi, tapplika wkoll il-provediment li hemm fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet il-provi u rat id-dokumenti mressqa mill-prosekuzzjoni fejn jirrizulta illi da il-kaz qatt missu ingieb a konjizzjoni ta' din il-Qorti stante kif xehed l-Espert tal-Qorti, il-wire tas-CT coil aktarx kien intlaqat min-nies tal-EneMalta stess meta kienu qed ibdlu l-meter u li allura ma kien hemm l-ebda tbaghbis tal-meter de quo, tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqighed taht att t'akkuza u ghalhekk ai termini tal-artikolu 401(2) Kap 9, tordna l-liberazzjoni tal-imputat.

Tordna in oltre illi l-atti tal-kumpilazzjoni flimkien ma' l-oggetti kollha in konnessjoni mal-istess jintbaghtu ghand l-avukat generali fi zmien tlett ijiem tax-xoghol.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------